# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Henry Grogan**
**Alan Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Nru: 914/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Henry Grogan**, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 328884(M); u

**Alan Azzopardi**, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 532384(M).

**Akkuzati** talli nhar is-16 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-23:00hrs minn Triq Mikiel Ang Borg, San Giljan:-

- Ikkommettew serq ta' fuel ghad-dannu ta' Anthony Bonanno liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-mezz.
- Wara li gew ikkundannati f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, nstabu fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta' serraturi jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfaccenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandhom f'dak il-hin.

Lil **Henry Grogan** wahdu akkuzat talli:

- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. M. Hayman LL.D. fid-digriet taghha datat tas-06 ta' April 2010 li bih l-imputat m'ghandhux johrog mid-dar tar-residenza tieghu bejn l-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) u s-sebgha ta' l-ghada filghodu (07:00am) u li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Lil **Alan Azzopardi** wahdu akkuzat talli:

- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. C. Galea LL.D. nhar id-19 ta' Frar 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
- u fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-*probation* taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'Malta fis-07 ta' Mejju 2013 mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputati bhala recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huma kienu gew misjuba hatja u kkundannati ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 261(1)(b)(f), 263, 270 u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 28B(1) u 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
h) 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta' serq ta' diesel minn xi ingenji li kienu jinstabu f'sit ta' kostruzzjoni f' Triq Mikiel Ang Borg San Giljan; dan il-kaz gara fis-16 ta' Awissu 2014.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li ghall-habta ta'l-11.00 ta' bil-lejl il-pulizija gew infurmati li kien hemm xi persuni fis-sit fuq imsemmi u li x'aktarx kienu qed jisirqu fuel. Il-persuna li tat l-informazzjoni lill-pulizija jidher li setghet tara kull ma kien qed jigri mit-tieqa jew gallarija tar-residenza taghha faccata ta' dan is-sit[1]. Sqwadra ta'l-RIU (PC1301 Christian Bonello u PC913 Neil Pace) marru immedjatament fuq il-post u malli dahlu fit-triq in ezami hemm raw vettura ta' tip Peugoet b'numru ta' registrazzjoni COL 206 ipparkjata *sideways* bil-lugguage booth ihares lejn il-kancell ossia entratura tas-sit ta' kostruzzjoni. Huma nnutaw ukoll li kien hemm persuna, ragel bil-beritta imnizzla sew go rasu u idejh fil-but hdejn il-karozza; malli dan ir-ragel ra lill-pulizija inhasad u beda miexi 'l hemm fid-direzzjoni opposta ghall-pulizija. Minhabba r-rapport li kienu ghadhom kif ircevew u minhabba li l-agir ta' dan ir-ragel deherilhom li kien suspettuz iz-zewg pulizija waqqfuh; wara irrizulta li kien l-imputat Henry Grogan. Il-pulizija saqsewh x'kien qed jaghmel hemm u jekk kienx wahdu, huwa qal li kien wahdu u li kienet waqfitlu l-karozza, b'referenza ghall-Peugeot. Meta saqsewh ghalfejn malli rahom telaq 'l hemm minflok talabhom ghall-ghajnuna huwa qal li kien sejjer ghal-petrol.

[1] Hija ghazlet li tibqa' anonima.

Illi gara li f'dak il-mument l-imsemmija kuntistabbli gew infurmati (mill-control room) permezz tar-radio li kien hemm persua ohra fis-sit[2]. Malli sema' hekk[3] Grogan biddel il-verzjoni u qal liz-zewg kuntistabbli li kien hemm persuna ohra mieghu pero dan kellu jaghmel il-bzonijiet tieghu allura waqqfu aktar 'l isfel vicin ta' l-ghassa tal-pulizja. F'dawn ic-cirkostanzi Grogan gie arrestat u baqa' mieghu PC913 Neil Pace fil-waqt li PC1301 Christian Bonnello dahal fis-sit biex ifittex lill-persuna l-ohra.

Illi hekk kif imbotta l-gate biex jidhol fis-sit PC1301 innota jerry cans mimlijin b'likwidu li kellu riha ta' fuel; dawn kienu qeghdin ezatti wara l-kancell. Hekk kif dahal gos-sit ra persuna (li eventwalment irrizulta li kienet l-imputat Alan Azzopardi) li kien qed jistahba wara gaffa u malli l-kuntistabbli identifika ruhu bhala pulizija Azzopardi telqa jigri; PC1301 beda jaghajjatlu biex jieqaf pero Azzopardi ma waqafx; PC1301 mar jigri warajh u meta lahqu, arrestah u hadu barra fit-triq fejn kien hemm il-kollega tieghu qed izomm lil Grogan arrestat; dak il-hin PC1301 innota lil anke Azzopardi kellu riha ta' fuel. Azzopardi insista mal-pulizija li huwa dahal fis-sit biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu.

Illi sadattant waslu zewg pulizija ohra: PS1349 Ranier Agius (mil-RIU) u PS928 Ramon Mifsud Grech (mill-ghassa ta' San Giljan). Saret tfixxija fil-vettura (il-Peugoet) u fiha, fost affarijiet ohra, instabu spanner u xi ghoddod. Iz-zewg surgenti u PC1301 regghu dahlu fis-sit u innotaw li hdejn il-gaffa li kien qed jistahba warajha Azzopardi kien hemm jerry can iehor b'pipe go fih liema pipe kien imqabbad mill-ingenji ta' Bonanno.

Illi tressaq bhala xhud ukoll il-persuna inkarigata mix-xoghol ta' skavar fis-sit in ezami. Dan, certu Anthony Bonanno, qal li f'dak il-perjodu (kien Awissu) xoghol ma kienx qed isir pero kuljum ikollu xi impjegati hemm; hu spjega ukoll li s-sit kien mdawwar b'hitan u kancell liema kancell jissakkar permezz ta' katina u katnazz. Bonanno spjega li meta l-pulizija infurmawh b'l-akkadut huwa mar fuq is-sit u sab li l-katina tal-kancell kienet maqtugha, li ma' genb il-kancell kien hemm xi erbgha jew hames jerry cans (ta'l-ghoxrin litru) mimlijin fuel, u sab ukoll li t-tap tad-diesel tal-gaffa kien miftuh u li kien hemm ukoll pipjiet li bihom tista' tigbed id-diesel. Bonanno jghid li hu fis-sit in ezami ma kellux jerry cans.

---

[2] Gara li dik il-persuna li kienet ghamlet ir-rapport lill-pulizija baqghet fit-tieqa jew gallerija tosserva dak li kien qed jigri u kienet hi li regghet cemplet lill-pulizija biex tinfurmahom li fil-waqt li kien qed jigi mitkellem Grogan kien hemm persuna ohra fis-sit.

[3] Grogan seta' jisma dak li kien qed jintqal minn fuq ir-radio.

Illi l-vettura Peugoet numru ta' registrazzjoni COL 206 hija registrata fuq l-imputat Alan Azzopardi.

Illi z-zewg imputati rrilaxxjaw stqarrija u anke taw id-depozizzjoni taghhom. F'l-istqarrija taghhom l-imputati jinsistu li huma kienu hargu dawra bil-karozza u jiehdu gelat; huma, li joqghodu Luqa u Qormi rispettivament l-ewwel marru z-Zurrieq u mbaghad marru Bahar ic-Caghaq biex jiehdu l-gelat u minn hemm qabdu t-triq ghad-dar pero ghaddew minn Paceville. Peress li  Azzopardi qabduh il-bzonnijiet tieghu dahal fis-sit in ezami. It-tnejn li huma jichdu li kellhom xi involviment fis-serq tal-fuel mill-gaffa.

Illi fid-depozizzjoni taghhom l-imputati jghidu bejn wiehed u iehor l-istess affarijiet li qalu f'l-isqarrija. Aktar minn hekk Alan Azzopardi qal li l-kancell kien maghluq pero mhux imsakkar u li hu ma kellu x'jaqsam xejn ma dawk il-jerry cans hlif ghal fatt li meta arrestawh il-pulizija waqqawh fuqhom u kien ghalhekk li kellu riha ta' diesel. Azzopardi jghid ukoll li l-pulizija aggredewh u sawtuh. In kontro ezami Azzopardi innega li huwa gie arrestat mill-pulizija ghall-habta tal-11.00 ta'fil-ghaxija imma jinsisti li hu u Grogan gew arrestati ghall-habta tad-9.30 imma ittiehdu l-ghassa ta' San Giljan fil-11.00[4]. Azzopardi jghid ukoll li huwa kellu jmur il-policlinic minhabba l-griehi li soffra u li kellu certifikati x'juri. Pero dawn ic-certifikati baqa qatt ma prezentahom.

Illi da parti tieghu Grogan jghid li l-pulizija waslu fuq il-post ezatti malli hu hareg mill-karozza ta' Azzopardi u mill-ewwel marru fuqu; wara zewg mistoqsijiet fuq il-vettura u fuq fejn kien siehbu arrestawh. Qal li eventwalment gew pulizija ohra u spiccaw kienu xi hamsa u li dawn kollha marru jfittxu lil Azzopardi u f'daqqa wahda beda jisma hafna ghajjat. Grogan jghid li meta l-pulizija harguh lil Azzopardi dan kellu wiccu kollu demmn u sinna mkissra. Grogan ukoll jghid li huma gew arrestati ghall-habta tad-9.30pm.

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-provi fis-sens li l-verzjoni mghotija mill-pulizija involuti f'l-ewwel intervent f'dan il-kaz u l-verzjoni mghotija mill-imputati huma kemm xejn differenti. Aktar minn hekk m'hemm l-ebda prova diretta migjuba kontra l-imputati la darba li l-persuna li kienet qed taghti informazzjoni lill-pulizija mill-gallerija ma tressqitx bhala xhud. Pero

[4] Ghandu jigi rilevat li l-ghassa ta' San Giljan qeghda ftit minuti 'l boghod mis-sit ta' kostruzzjoni in ezami.

provi indizjarji jistghu jkunu sufficjenti biex persuna tinsab hatja ta' reat jekk dawk il-provi jkunu univoci u jwasslu ghal konkluzzjoni wahda. Lanqas m'ghandhom l-imputati necessarjament jigu liberati minhabba verzjonijiet kontrastanti. Il-Qorti ghandha tevalwa l-verzjoni ta' kull xhud fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tara lil min tista' temmen u f'xiex.

Ikkunisidrat

Illi permezz ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom l-imputati qed jigu addebietati b'serq aggravat bil-mezz u l-hin, u li (bhala persuni li diga nstabu hatja ta' serq u/jew ricettazzjoni) kienu fil-pussess ta' ghoddod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi.

Illi m'hemm l-ebda raguni ghalfejn il-Qorti m'ghandhiex temmen lil Anthony Bonanno meta jghid li l-kancell tas-sit ikun imsakkar b'katina u katnazz. Aktar minn hekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li meta marru l-pulizija fuq il-post il-kancell ma kellux katnazz, li Henry Grogan kienu qieghed jistenna hdejn il-vettura ta' Azzopardi, li Alan Azzopardi kien qieghed gewwa fis-sit, u li ma genb il-kancell kien hemm jerrry cans bil-fuel go fihom[5]. Jirrizulta ukoll ghax konfermat minn Bonanno li hdejn gaffa, li nstabet bit-tapp tal-fuel miftuh, kien hemm jerry can iehor u pipe li jista' jintuza biex jingibed il-fuel.

Illi huwa veru li hadd mill-persuni li xehedu quddiem din il-Qorti ma ra lil Grogan jew lil Azzopardi jiksru l-katnazz jew jiehdu l-fuel mill-gaffa pero fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni mghotija mil-imputati biex jiggustifikaw il-prezenza traghhom fuq il-post assolutament mhiex kredibbli. Aktar minn hekk mill-fatti li jirrizultaw l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li Azzopardi u Grogan kienu qeghdin fuq il-post biex jisirqu l-fuel mill-ingenji ta' Bonanno u li dan ir-reat kien qed jitwettaq billi Azzopardi dahal fis-sit jiehu l-fuel mill-ingenji fil-waqt li Grogan qaghad barra fil-vettura biex malli johrog Azzopardi bil-jerry cans huwa jsuq 'l hemm[6].

Illi ghalhekk l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta fil-konfront taz-zewg imputati b'dan li l-imputat Azzopardi ghandu jinstab hati

[5] Dawn il-fatti del resto huma ammessi mill-imputati.
[6] F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li ghalkemm f'xi istanzi Azzopardi jghid li hu kien qed isuq il-karrozza, f'hafna istanzi ohra, f'l-istqarrija u fid-depozizzjni tieghu, huwa jghid affarijiet li jimplkaw li fil-fatt Grogan kien qed isuq il-karozza.

bhala awtur u u l-imputat Grogan ghandu jinstab hati bhala komplici fit-termini ta'l-artikolu 42(d) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni jirrizulta mill-provi prodotti li f'l-10 ta' Lulju 2014 Henry Grogan instab hati ta' ricettazzjoni, fil-waqt li fid-19 ta' Frar 2014 Alan Azzopardi instab hati ta' serq. Aktar minn hekk fil-karozza propjeta ta' Azzopardi u misjuqa minn Grogan kien hemm spanner u xi ghoddod ohra. Ghalhekk din it-tieni imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat Henry Grogan qed jigi addebietat b'zewg imputazzjonijiet ohra: li kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest u li huwa recidiv.

Illi in sostenn ta'l-ewwel wahda minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet il-prosekuzzjoni prezentat degriet mghoti fis-6 ta' April 2010 permezz ta' liema degriet l-imputat Grogan inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet inkluz dik li ma johrogx mid-dar qabel is-07.00 am u li jirritorna sal-10.00pm u li ma jikkommettiex reat iehor fil-perjodu tal-helsien mill-arrest.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li l-control room tal-pulizija ircevew it-telefonata li infurmathom b'dak li kien qed jigri ghall-habta ta' l-11.00pm u kien ftit wara dan li l-ewwel skwadra mit-taqsima ta'l-RIU waslet fuq il-post u sabet liz-zewg imputati hemm. L-ghassa ta' San Giljan giet infurmata ftit wara, fil-fatt f'l-okkorrenza esebieta l-*incident time* huwa indikat bhala 11.00pm u *report time* bhala 11.10pm.

Illi la darba l-imputat Grogan qed jinstab hati ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, reati kommessi waqt il-perjodu ta' helsien mill-arrest, huwa car li l-imputazzjoni issa in ezami tirrizulta ghaliex Grogan kiser dik il-kundizzjoni imposta fuqu. Fil-verita Grogan kiser anke l-kundizzjoni l-ohra ghalhiex ghalkemm huwa jikkontesta dan il-fatt pero il-Qorti hija konvinta li huwa gie arrestat fil-11.00pm kif qalu l-pulizija involuti.

Illi dwar ir-recidiva, mis-sentenza esebieta[7] jirrizulta li l-imputat Grogan kien instab hati u ikkundannat multa f'l-10 ta' Frar 2014. La darba r-reati

[7] Dok ET14 esebieta a fol 120 tal-process.

odjerni sehhew fis-16 ta’ Awissu 2014 l-addebietu dwar recidiva jirrizulta sodisfacjentement pruvat ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 pero mhux ai terminin ta’l-artikolu 289 ghaliex dan l-artikolu jirreferi ghal recidva f’kaz ta’ serq biss u fis-sentenza esebieta l-imputat Grogan kien instab hati ta’ ricettazzjoni mhux serq.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat Alan Azzopardi qed jigi addebietat ukoll bil-ksur ta’ sentenza sospieza, bil-ksur ta’ probation u bir-recidiva.

Illi in sostenn ta’ dawn l-imputazzjonijiet gew prezentati zewg sentenzi: wahda datata 7 ta’ Mejju 2013[8] permezz ta’liema wara li gie misjub hati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin; u l-ohra datata 19 ta’ Frar 2014[9] permezz ta’ liema wara li instab hati ta’ serq ta’ fuel u hsara volontarja u gie ikkundannat sena prigunerija sospieza ghal tlett snin.

Illi r-reati odjerni sehhew fid-16 ta’ Awissu 2014 ghalhekk fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza fuq imsemmija ghalhekk it-tielet u l-hames imputazzjoniijet migjuba kontra l-imputat Azzopardi jirrizultaw b’dan li huwa ghandu jitqies recidiv ai termini ta’l-artikolu 49 u 289 tal-Kapitolu 9 u mhux ta’ l-artikolu 50 ukoll stante li huwa l-perjodu operattiv tas-sentenza sospieza kien ghadu ma skadiex meta twettqu r-reati odjerni.

Illi dwar ir-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Azzopardi ghandu jigi rilevat li kemm ai termini tac-citazzjoni kif ukoll ai termini ta’l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali dak li qed jigi addebieata bih Azzopardi huwa il-ksur ta’ ordni ta’ probation. Jirrizulta pero mis-sentenzi esebieti li Azzopardi ma tpoggiex taht probation imma nghata liberta kundizzjonata; din l-imputazzjoni ghalhekk ma tistax tirrizulta kif dedotta.

Ikkunsdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konisderazzjoni n-ntaura tar-reati li taghom qed jinstabhu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom. Hadet in

[8] Dok ET13 esebeita a fol 106  tal-process.
[9] Dok ET12 esebieta a fol 102 tal-process.

konsiderazzjoni ukoll r-rapporti ta'l-uffical tal-probation fil-konfront ta'l-imputat Alan Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti

wara li rat l-artikoli 41(d), 49, 50, 261(b)(f), 263, 270, 287 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-iputat **Henry Grogan** hati ta'l-imputazzjoniijet kollha migjuba kontra tieghu b'dan li ta'l-ewwel imputazzjoni dwar serq aggravat qed jinstab hati bhala komplici u b'dan li huwa mhux qed jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija; in oltre l-Qorti qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat Henry Grogan permez tad-degriet datat 6 ta' April 2010 u konsegwntement tordna r-riarrest tieghu. U

fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Alan Azzopardi** hati tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 28F, 49, 261(b)(f), 263, 270, 287 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li huwa mhux qed jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija prigunerija, in oltre qed taghzel li ddahhal fis-sehh is-sentenza mghotija fid-19 ta' Frar 2014 permezz ta' liema huwa gie ikkundannat sena prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**